**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Novembru, 2017

Rikors Nru : 252/17 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

> Illi l-partijiet izzewwgu fit-tnax (12) ta' Settembru elf disa' mija wiehed u tmenin (1981) registrat bin-numru progressiv elf tmien mija wiehed u erbghin zbarra tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (1841/1981) (Dok A) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum it-tnejn huma maggjorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Victor John Bisazza fil-wiehed u ghorin (21) ta' Ottubru elf disa' mija tlieta u disghin (1993) (DOK b);

Illi l-partijiet ilhom madwar erbgha u ghoxrin (24) il-sena jghixu hajja separata;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi mhux dovut ebda hlass ta' manteniment.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1 Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2 Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Lulju 2017;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma dehritx ghal dawn il-proceduri u lanqas ipprezentat risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Ottubru, 1993;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.